Nru. 18,035
Prezz Lm6.56ċ
Price Lm6.56c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 13 ta' Frar, 2007
Tuesday, 13th February, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (5) tar-regolament 17 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, ngħarrfu illi d-Dokumenti għall-Votazzjoni ndirizzati lill-persuni murija fl-iskeda li tinsab wara dan l-avviż ma ġewx notifikati għar-raġunijiet murija ħdejn kull isem.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-13 ta' Frar, 2007

Riferenzi għad-Dokumenti għall-Votazzjoni li ma tqassmux

A Rapportati mejta
B Ma nstabux fl-indirizz
C Il-votant rapportat li msiefer
D Rifjutat għax id-Dokument għandu ritratt ta' ħaddieħor
E Rifjutat mill-votant stess
F Raġunijiet oħra

It-13 ta' Frar, 2007

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of sub-section (5) of regulation 17 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, it is notified that the Voting Documents addressed to the persons shown in the schedule following this notice, have not been served for the reasons shown against each name.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

13th February, 2007

References to undelivered Voting Documents

A Reported as deceased
B Not found at the address
C Voter reported as being abroad
D Refused because the Document has another person's image
E Refused by the voter himself
F Other reasons

13th February, 2007

IN LINE WITH OUR PRIVACY POLICY THE LIST MENTIONED HEREUNDER WHICH CONTAINS PERSONAL INFORMATION IS NOT BEING DISPLAYED ONLINE

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

List of Undelivered Voting Documents

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (6) tar-Regolament 17 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, ngħarrfu illi d-Dokumenti għall-Votazzjoni li ma ġewx konsenjati jistgħu jiġu rtirati fuq talba personali mill-persuni interessati, kemm-il darba huma jipproduċu l-Karta ta' l-Identità tagħhom, minghand il-Kummissjonarji Elettorali sa nhar il-Ħamis, it-8 ta' Marzu, 2007, mill-postijiet u fil-ġranet u ħinijiet indikati hawn taħt, jiġifieri:–

Mill-Għases tal-Pulizija tal-lokalitajiet rispettivi (inkluż Marsalforn) u mill-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali fil-każ tal-lokalità tas-Swieqi mill-14 ta' Frar, sat-3 ta' Marzu, 2007.

Mit-Tnejn sas-Sibt:

Mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
Mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Il-Ħadd:

Mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m.

Mill-Uffiċċju Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant' Jiermu, il-Belt, Valletta u mill-Uffiċċju tal-Karta ta' l-Identità, 7A, Triq ir-Repubblika, Rabat, Għawdex, mill-5 sat-8 ta' Marzu, 2007.

It-Tnejn, is-6 sal-Erbgħa, it-8 ta' Marzu, 2007:

Mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
Mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Il-Ħamis, it-8 ta' Marzu, 2007, l-aħħar jum:

Mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
Mit-3.00 p.m. sa nofs il-lejl.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-13 ta' Frar, 2007

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of subsection (6) of Regulation 17 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, it is notified that undelivered Voting Documents may be withdrawn on personal application by the persons concerned, provided they produce their Identity Card, from the Electoral Commissioners up to Thursday, 8th March, 2007, from the places and on the days and time indicated hereunder, that is:–

From Police Stations of the respective localities (including Marsalforn) and from the Local Council Office in the case of the localitiy of Swieqi from the 14th February to the 3rd March, 2007.

From Monday to Saturday:

From 9.00 a.m. to 1.00 p.m. and
From 3.00 p.m. to 8.00 p.m.

Sunday:

From 9.00 a.m. to 2.00 p.m.

From the Electoral Office, Evans Building, St Elmo Square, Valletta and from the Identity Card Office, 7A, Republic Street, Rabat, Gozo, from the 5th to the 8th March, 2007.

From Monday 6th to Wednesday, 8th March, 2007:

From 9.00 a.m. to 1.00 p.m. and
From 3.00 p.m. to 8.00 p.m.

Thursday 8th March, 2007, last day:

From 9.00 a.m. to 1.00 p.m. and
From 3.00 p.m. to midnight

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

13th February, 2007

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI

Avviż

Skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 18 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, ngħarrfu illi dawk il-persuni li isimhom ikun jidher fir-Reġistru Elettorali ppubblikat f'Ottubru, 2006, iżda li ma jkunx jidher fil-lista pubblikata skond is-subartikolu (5) tar-regolament 17 tat-Tielet Skeda ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, u li ma jkunux irċevew id-Dokument għall-Votazzjoni jew li, wara li jkunu rċevew dak id-dokument, ikunu tilfuh jew iddistruġġewh, jistgħu japplikaw personalment fl-Uffiċċju Elettorali, Evans Building, Misraħ Sant' Jiermu, il-Belt Valletta, u mal-preżentazzjoni tal-Karta ta' l-Identità tagħhom u fuq dikjarazzjoni bil-ġurament kif ikunu meħtieġa mill-Kummissjonarji Elettorali, għandhom jingħataw Dokument għall-Votazzjoni maħruġ speċjali għal hekk. Dawk il-persuni jistgħu imorru l-Uffiċċju Elettorali f'kull ġurnata, sa nhar l-Erbgħa, is-7 ta' Marzu, 2007, fis-6.00 p.m., matul il-ħinijiet li jidhru hawn taħt, jiġifieri:–

Mit-Tnejn sas-Sibt:

Mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m.

Il-Ħadd:

Mid-9.00 a.m. sas-2.00 p.m.

L-Erbgħa, is-7 ta' Marzu, 2007:

Mid-9.00 a.m. sas-1.00 p.m. u
mit-3.00 p.m. sas-6.00 p.m.

Ngħarrfu wkoll illi dawk il-persuni li huma reġistrati bħala eletturi għal-lokalitajiet ta' Għawdex fejn ser isiru elezzjonijiet ta' Kunsilli Lokali, ikunu jistgħu japplikaw għal u jirtiraw id-Dokument għall-Votazzjoni "speċjali" tagħhom, fuq talba, bħalma hu speċifikat iżjed 'il fuq, mingħand il-Kummissjonarji Elettorali fl-Uffiċċju tal-Karta ta' l-Identità, 7[A], Triq ir-Repubblika, ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet li jidhru hawn fuq.

E. R. GATT
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
Evans Building,
Misraħ Sant'Jiermu,
Il-Belt Valletta.

It-13 ta' Frar, 2007

LOCAL COUNCILS' ACT, 1993

Notice

In accordance with the provisions of regulation 18 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, it is notified that those persons whose name appears in the Electoral Register, published in October, 2006, but does not appear in the list published under subsection (5) of regulation 17 of the Third Schedule of the Local Councils' Act, 1993, and who have not received the Voting Document or who, after the receipt of such document, have lost or destroyed it, may apply personally at the Electoral Office, Evans Building, St Elmo Square, Valletta, and upon the presentation of their Identity Card and upon the making of any declaration on oath as may be required by the Electoral Commissioners, shall be given a Voting Document issued specially for the purpose. Such persons may call at the Electoral Office on any day up to Wednesday, 7th March, 2007, at 6.00 p.m., during the hours shown hereunder, that is:–

From Monday to Saturday:

From 9.00 a.m. to 1.00 p.m. and
from 3.00 p.m. to 8.00 p.m.

Sunday:

From 9.00 a.m. to 2.00 p.m.

Wednesday, 7th March, 2007:

From 9.00 a.m. to 1.00 p.m. and
from 3.00 p.m. to 6.00 p.m.

It is further notified that those persons who are registered for the localities of Gozo, where elections for Local Councils are due to be held, may apply for and withdraw their "special" Voting Document on request, as specified above, from the Electoral Commissioners at the Identity Card Office, 7[A], Republic Street, Rabat, Gozo, during the hours shown above.

E. R. GATT
Chief Electoral Commissioner

Office of the Electoral Commission,
Evans Building,
St Elmo Square,
Valletta.

13th February, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

240

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Diċembru 2006, fl-atti tar-Rikors numru 216/06 JA, fl-ismijiet Coleiro Raymond vs Coleiro Valerie, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenuta, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' Ġunju 2006, fl-ismijiet Raymond Coleiro (ID 339157M) vs Valerie Coleiro (ID 165264M), ir-rikorrenti Raymond Coleiro (ID No. 339157M) espona bir-rispett u kkonferma bil-ġurament:

1. Illi huwa żżewweġ lill-intimata fis-17 ta' Mejju 1984, u minn dan iż-żwieġ il-kontendenti kellhom żewgt itfal , illum ilkoll maġġorenni.

2. Illi minħabba l-adulterju ta' l-intimata li rrenda l-ħajja konjugali impossibbli għax iż-żwieġ tkisser irremedjabbilment; …Omissis…

3. Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'għadhiex aktar possibbli…Omissis…

4. Illi huwa ġie awtorizzat sabiex jipproċedi għas-separazzjoni personali minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet numru 752/06, fl-atti ta' l-ittra numru 986/2008 (kopja annessa Dok. A).

5. Illi huwa ġie awtorizzat sabiex jipproċedi għas-separazzjoni personali minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet numru 752/06, fl-atti ta' l-ittra numru 986/2006).

6. Illi l-fatti hawn dikjarati r-rikorrent jafhom personalment.

Għaldaqstant u in vista tal-premess ir-rikorrent umilment jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tippronunzja bejn il-kontendenti s-separazzjoni personali minħabba ħtija jew ħtijiet imputabbli lill-intimata, …Omissis…

2. Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess assi formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet, …Omissis…li jiġu assenjati waħda lir-rikorrenti l–oħra lill-intimata, u dan okkorrendo għall-finijiet ta' din it-talba bl-opera ta' perit nominandi;

3. Tordna d-dekadenza ta' l-intimata mill-jeddijiet

It is hereby notified that the Civil Courts (Family Section) by means of a decree given on the 14th December 2006, in the records of the Application number 216/06 JA, in the names Coleiro Raymond vs Coleiro Valerie, ordered the following publication for the purpose of service of the defendant in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court (Family Section) on the 28th June 2006, in the names Raymond Coleiro (ID 339157M) vs Valerie Coleiro (ID 165264M) the applicant Raymond Coleiro (ID No. 339157M) pleaded with respect and confirmed under oath:

1. That he married the respondent on the 17th May 1984 and from this marriage the parties had two children, today of age.

2. That due to adultery of the respondent matrimonial life became impossible and marriage irretrievably broke down…Omissis…

3. That matrimonial life between the parties is no longer possible…….Omissis……

4. That he was authorized to proceed for personal separation by this Honourable Court by means of decree number 752/06, in the records of the letter number 986/2008 (copy attached Doc. A).

5. That he was authorized to proceed for personal separation by this Honourable Court by means of decree number 752/06 in the records of the letter number 986/2006).

6. That the applicant knows the facts herein declared personally.

Thus in view of the premised the applicant humbly prays that this Honourable Court:

1. Pronounces the personal separation between the parties due to faults imputable to the respondent…Omissis…

2. To declare dissolved and terminated the community of acquests existing between the parties, liquidate the same community of acquests and order that the assets forming the community of acquests be divided into two portions…Omissis….that shall be assigned one to the applicant and the other to the respondent, and this if necessary for the purposes of this demand by the appointment of experts;

3. To order that the respondent forfeit the conjugal rights

konjugali kif maħsub fl-artikolu 58 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Bl-ispejjeż…Omissis…l-intimata inġunta għas-subizzjoni.

Lista tax-xhieda.

Lista ta' Dokumenti.

Intimata: Valerie House, Triq l-Ispiera, is-Swieqi STJ 11.

Permezz ta' Avviż ta' kawża maħruġ mir-Reġistru tal-Qrati Superjuri, l-Erbgħa, 16 ta' Awissu 2006, il-kawża Ċit. Numru 216/2006 JA, fl-ismijiet Coleiro Raymond vs Coleiro Valerie, ġiet imqiegħda fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Novembru 2006, fl-9.45 a.m.

B'ordni tal-Qorti tal-10 ta' Novembru 2006, il-kawża hawn fuq imsemmija ġiet differita għan-notifika tal-konvenuta, għas-16 ta' Frar 2007 fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 9 ta' Frar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

as contemplated in article 58 of Chapter 16 of the Laws of Malta.

With costs…Omissis…the respondent is summoned so that a reference to her evidence be made.

List of witnesses.

List of Documents.

Respondent: Valerie House, Triq l-Ispiera, is-Swieqi STJ 11.

By means of a Notice of a cause issued by the Registry Superior Courts on Wednesday 16th August 2006, the case Writ of Summons number 216/2006 JA, in the names Coleiro Raymond vs Coleiro Valerie, was put on the list of cases which are to be heard on Friday, 10th November 2006, at 9.45 a.m.

By order of the Court of the 10th November 2006, the case above mentioned was put off in order that the defendant be notified to the 16th February 2007, at 9.45 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 9th February 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registry Civil Courts and Tribunals

241

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' Jannar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fit-28 ta' Settembru 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Carmel Attard (ID 382654M) ta' Philmar, Flat 1, Triq Sant'Aristarku, San Pawl il-Baħar, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elf u sebgħa u erbgħin lira Maltija u disa' ċenteżmi (Lm1,047.09) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (857/06DC) hija differita għall-21 ta' Frar 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 9 ta' Frar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 8th January 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa, filed a Claim on the 28th September 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Carmel Attard (ID382654M) of Philmar, Flat 1, Triq Sant'Aristarku, San Pawl il-Baħar, to pay the plaintiff company the sum of one thousand and forty seven Maltese liri and nine cents (Lm1,047.09) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 857/06DC) is put off on the 21st February 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 9th February 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

242

Ikun jaf kulhadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-8 ta' Jannar 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Legend Real Estate Ltd (Reg. No. C24094) ta' Legend House, Benrus Bldgs., Naxxar Rd, San Ġwann, ippreżentaw Talba fit-8 ta' Mejju 2006, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Edward u Shavina konjugi Chatlani ta' Capitol Apartments, Nru. 3, Blokk Ċ, Triq Ċensu Xerri c/w Triq Mattew Pulis, Tigné, Tas-Sliema, sabiex iħallsu lis-soċjetà attriċi s-somma ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (427/06DC) hija differita għall-21 ta' Frar 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 9 ta' Frar 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 8th January 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Legend Real Estate Ltd (Reg. No. C 24094) of Legend House, Benrus Bldgs., Naxxar Rd, San Ġwann, filed a Claim on the 8th May 2006 whereby they asked the Tribunal to condemn Edward and Chavina spouses Chatlani of Capitol Apartments, No. 3, Block C, Triq Ċensu Xerri c/w Triq Mattew Pulis, Tigné, Sliema, to pay the plaintiff company the sum of six hundred Maltese liri (Lm600) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 427/06DC) is put off on the 21st February 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 9th February 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

243

B'digriet moghti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fl-1 ta' Frar, 2007 fuq rikors ta' MICHAEL ATTARD HOLDINGS ġie ffissat il-jum tat-Tnejn, 26 ta' Frar, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet ta' l-1 ta' Frar, 2007 li għandu jsir f'A59, Qasam Industrijali tal-Marsa ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand HP COLE LTD.

1. 2 Vetturi Peugeot Reg. No HPC-505 u HPC-506

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 2 ta' Frar, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 1st February, 2007 on the application of MICHAEL ATTARD HOLDINGS, Monday, 26th February, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 1 February, 2007 to be held at A59. Industrial Estate, Marsa of the following items seized from the property of HP COLE LTD.

1. 2 Motor vehicles Peugeot HPC-505 and HPC-506

Registry of the Superior Courts, this Friday, 2nd February, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

244

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fis-7 ta' Frar, 2007 fuq rikors ta' HSBC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 22 ta' Frar, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tas-7 ta' Frar, 2007 li għandu jsir f' FIL-KURIDURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand MIZZI CARMEL.

1. Brazzuletta, tlett iċrieket, pendent, u żewġ katini taddeheb.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 9 ta' Frar, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 7th February, 2007 on the application of HSBC, Thursday, 22 February, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 7 February, 2007 to be held at KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA of the following items seized from the property of MIZZI CARMEL.

1. Bracelet, three rings, pendent, and two gold chains.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 9th February, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

245

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fil-5 ta' Frar, 2007 fuq rikors ta' BUTTIGIEG SILVIO ġie ffissat il-jum ta' l-Erbgħa, 21 ta' Frar, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tal-5 ta' Frar, 2007 li għandu jsir f'JDM, 14, North End, off Valletta Road, Ħal Qormi ta' l-oġġetti hawn taħt deskritti maqbudin mingħand GATT CONRAD ET.

1. Magna ta' serrar, Magna *chain saw*, Magna li tixkatla,
2. kompressuri , bend saw, grinder, Television , Washing machine, u ħafna affarijiet oħra ta' l-għamara simili

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ġimgħa, 9 ta' Frar, 2007.

VINCENT ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 5th February, 2007 on the application of BUTTIĠIEĠ SILVIO, Wednesday, 21 February, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 5 February, 2007 to be held at LDM, 14, North End off Valletta Road, Qormi of the following items seized from the property of GATT CONRAD ET.

1. Sawing machine, chain saw, sanding machine, 2 Compressors, bend saw, grinder, television set, washing machine, and lots of other furniture items.

Registry of the Superior Courts, this Friday, 9th February, 2007.

VINCENT ATTARD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

246

Ikun jaf kulħadd illi il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Jannar 2007, fl-atti tar-Rikors numru 404/06 NC, fl-ismijiet Georgina Borg vs Hasan Al Hamo, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ordnat issegwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat Hasan Al Hamo, skond l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fil-15 ta' Diċembru 2006, fl-ismijiet Georgina Borg vs Hasan Al Hamo, id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ir-rikorrenti Georgina Borg (ID no. 331677M), esponiet bir-rispett u kkonfermat bil-ġurament:

It is hereby notified that the Civil Court (Family Section) by means of a decree given on the 10th January 2007, in the records of the Application number 404/06 NC, in the names Georgina Borg vs Hasan Al Hamo, the Director of Public Registry , ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Hasan Al Hamo, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Civil Court (Family Section) on the 15th December 2006, in the names Georgina Borg vs Hasan Al Hamo, the Director of Public Registry, the applicant Georgina Borg (Id no. 331677M) pleaded with respect and confirmed under oath:

Illi fl-14 ta' Ottubru 2000, hija kellha tarbija jisimha …omissis… (Ċertifikat tat-twelid anness Dok A).

Illi fiċ-Ċertifikat tat-twelid ta' l-imsemmi minuri …omissis… jidher illi t-tarbija tiġi iben l-intimat Hasan Al Hamo li jiġi r-raġel ta' l-attriċi li minnu illum hija legalment separata.

Illi fil-fatt il-minuri …omissis… twieled minn relazzjoni extra maritali li kellha r-rikorrenti.

Għaldaqstant u in vista tal-premessi l-esponenti umilment titlob illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha;

1. Tiddikjara illi l-minuri …omissis… li twieled lir-rikorrenti Georgina Borg, fl-14 ta'Ottubru 2000, mhux iben l-intimat Hasan al Hamo.

2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jagħmel l-korrezzjonijiet fiċ-ċ ertifikat tat-twelid tal-minuri …omissis… liema ċertifikat jġib in-numru ta' skrizzjoni 3907/2000, fis-sens illi isem missier it-tarbija li huwa indikat bħala Hasan al Hamo, u l-konnotati kollha tiegħu jiġu kkanċellati u minflok jitniżżlu l-kliem'missier mhux magħruf'.

Bl-ispejjeż kontra l-intimati inġunti għas-subizzjoni.

Lista tax-xhieda.

Elenku tad-Dokumenti.

Intimati: Hasan Al Hamo, Rest Cave, Flat 2, Triq l-Isbark tat-Torok, Birżebbuġa.

Ir-Rikors Numru 405/2006 NC, fl-ismijiet Georgina Borg versus Hsan Al Hamo et jinsab appuntat għas-smigħ għat-8 ta' Marzu 2007, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 12 ta' Frar 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar- Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

That on the 14th October 2000, she had a child named …omissis… (Birth Certificate annexed Doc A).

That in the Birth Certificate of the said minor …omissis… it appears that the child is the son of the respondent Hasan Al Hamo who is the husband of the plaintiff from whom she is legally separated.

That in fact the minor …omissis… was born from an extra marital relation that the applicant had.

Thus and in view of the premised the applicant humbly prays that this Honourable Court;

1. Declares that the minor …omissis… who was born to the applicant Georgina Borg on the 14th October 2000 is not the son of the respondent Hasan al Hamo.

2. Consequently order the respondent Director of Public Registry to make the corrections in the birth certificate of the minor …omissis… which certificate bears the registration number 3907/2000, in the sense that the name of the father of the child which is indicated as Hasan Al Hamo and all his particulars be cancelled and instead there be written down the words 'unknown father'.

With all costs against the respondents summoned so that a reference to their evidence be made.

List of Witnesses.

List of Documents.

Respondents: Hasan Al Hamo, Rest Cave, Flat 2, l-Isbark tat-Torok Street, Birżebbugia.

The Application number 405/2006 NC, in the names Georgina Borg versus Hasan Al Hamo et, has been put off for hearing to the 8th March 2007, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 12th February 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET MIXXELLANJI
MISCELLANEOUS PUBLICATIONS

Bejtiet il-Lingwa – Aspetti tal-Lingwa fil-Folklor Malti	Lm 2.00c
Child Protection – Procedures for Schools	Lm 1.50c
Geological Maps of Malta	Lm 7.00c
Geological Maps of Gozo	Lm 5.00c
Geological Maps of Malta and Gozo	Lm10.00c
Il-Bennej	Lm 3.50c
Il-Ġaħan ta' Binġemma	Lm 2.00c
Il-Ħajja ta' Rużar Briffa – Oliver Friggieri	Lm 1.00c
Il-Miġja tal-Franċiżi f'Malta – Ktejjeb ta' Tifkira 1798-1998	Lm 1.00c
Leli ta' Ħaż-Żgħir – G. Ellul Mercer	Lm 1.00c
Overview of the History & Development of the Public Works Department in the Maltese Islands	Lm 5.00c
Santo Spirito Hospital	Lm 2.00c
Syllabus for the Primary School – Years 4,5 and 6	Lm 1.00c

PUBBLIKAZZJONIJIET STATISTIĊI
STATISTICAL PUBLICATIONS

Agriculture and Fisheries 2002 (CD Rom)	Lm 2.00c
A Window on the World of Work	Lm 2.00c
Abstract of Statistics 2000	Lm 5.00c
Benchmarking Malta in Europe	Lm 3.00c
Children	Lm 3.00c
Culture Statistics 2004	Lm 2.00c
Demographic Review 2003	Lm 3.00c
Education Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 4.50c
Environment Statistics 2006	Lm 5.00c
Household Budgetary Survey	Lm 8.00c
Malta in Figures 2002 (CD Rom)	Lm 2.00c
Malta in Figures 2005	Lm 2.00c
National Accounts of the Maltese Islands 1999	Lm 3.00c
Shipping and Aviation Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 4.50c
Social Protection in Malta - A Statistical Analysis of Social Protection Accounting 1998 – 2002	Lm 4.00c
Social Welfare - Orientated Non-Governmental Organisations - A Statistical Profile 2001	Lm 2.00c
Sports Organisations 2000 – 2002	Lm 3.00c
Survey on ICT Usage in Households 2002	Lm 2.00c
Trade Statistics 2002 (CD Rom)	Lm 5.00c
Transport Statistics 2004 (CD Rom)	Lm 2.00c

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta

These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

DIPARTIMENT TA' L-INFORMAZZJONI – 3, PJAZZA KASTILJA – VALLETTA – MALTA
DEPARTMENT OF INFORMATION – 3, CASTILLE PLACE – VALLETTA – MALTA

PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI
OFFICIAL PUBLICATIONS

Acts of Parliament 2006 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Annual Reports of Government Departments – 2005 on compact disc (CD)	Lm 5.00c
CHOGM & State Visit Highlights in pictures on compact disc (CD)	Lm 3.00c
Code of Ethics and Conduct for Legal Procurators 1998	Lm 1.00c
Code of Ethics for Members of the Judiciary	Lm 1.00c
Creating Inclusive Schools: Guidelines for the Implementation of the NMC Policy on Inclusive Education	Lm 1.80c
Diskors tal-*Budget* 2007	Lm 1.00c
Economic Bulletin – September 2006	Lm 2.00c
Economic Survey 2006	Lm 2.00c
Electoral Register, October 2006	Lm10.40c
Electoral Register, Local Councils, October 2006	Lm40.25c
Estimates 2007	Lm 2.00c
Euro Changeover checklists for Business organisations	no charge
Final Report: Pensions – Adequate & Sustainable	Lm 3.50c
Financial Report 2005	Lm 3.00c
Guidelines for Special Examination Arrangements for Candidates with Particular Requirements	Lm 1.40c
Il-Manwal tal-President tar-Repubblika	50c
Industry Strategy for Malta: 2007-2010	Lm 1.00c
Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq	Lm 1.00c
Kodiċi ta' Etika għall-Ġudikanti	Lm 1.00c
Legal Notices and Bye-Laws 2006 on compact disc (CD)	Lm 6.00c
Lejn Malta fl-Ewropa - minn Copenhagen sa Ateni	Lm 1.00c
Malta's Parliament – An Official History	Lm18.00c
Mid-Year Report by the Auditor General – Public Accounts 2005	Lm 1.75c
National Curriculum on its Way – Proceedings	Lm 2.40c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan	Lm 1.00c
National Curriculum on its Way – Strategic Plan – Abridged	25c
Performance Audit – ETC's Job Matching Service– Report by the Auditor General	Lm 1.50c
Performance Audit – Inventory Strategy and Distribution of Pharmaceutical Products – Health Division	Lm 1.75c
Performance Audit – Quality of Life for the Elderly at St. Vincent de Paul Residence	Lm 1.50c
Performance Audit – School Information System – Education Division	Lm 2.00c
Performance Audit Report – The Functions of the Tax Compliance Unit	Lm 1.50c
Portfolio Assessments	Lm 4.00c
Preliminary Master Plan for the Euro Changeover in Malta	no charge
Public Service Management Code (6th Edition – December 2005)	Lm 7.00c
Rapport Finali – Pensjonijiet: Adekwati u Sostenibbli	Lm 3.50c
Report of the Auditor General – Public Accounts 2004	Lm 1.50c
Risk Management in Government Departments - An Audit Approach	Lm 1.50c
Strateġija għall-Industrija ta' Malta: 2007-2010	Lm 1.00c
Subsidiary Legislation for the Year 2005	Lm22.00c
The Highway Code	Lm 1.00c
The Press Act	50c
The Registers of the Medical Council (Malta) 2005	Lm 3.00c
Work and Activities of the National Audit Office 2005	Lm 1.00c

---

Dawn il-Pubblikazzjonijiet jistgħu jinxtraw mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja, Valletta, Malta
These Publications are obtainable from the Department of Information
3, Castille Place, Valletta, Malta
www.doi.gov.mt
info@gov.mt

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*